**310. Id-Deputat Prim Ministru Anzjan u Ministru tal-Ġustizzja u Affarijiet tal-Parlament, l-Onor. Joseph Cassar, jipproponi:**

Illi minkejja kull provvedimenti oħra fl-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra, dan li ġej għandu jirregola l-proċedura dwar dawn l-Abbozzi ta' Liġi:

a) Abbozz ta' Liġi biex ikompli jemenda l-Att tal-1981 dwar il-Lotteriji tal-Gvern; u
b) Abbozz ta' Liġi biex ikompli jemenda l-Att tal-1984 dwar l-Organizzazzjoni Nazzjonali tat-Turiżmu.

1. Illi dawn l-Abbozzi ta' Liġi jkunu dikjarati urġenti, u li kull wieħed minnhom ikun diskuss fil-bqija tal-istadji tiegħu kollha, fl-istess seduta li fiha jitressaq it-Tieni Qari tiegħu;

2. Illi fis-seduta li fiha jitressaq dan it-Tieni Qari, id-diskussjoni fuqu u fil-Kumitat dwar l-istess Abbozz ta' Liġi, jekk ma tkunx intemmet qabel, għandha tieqaf fil-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol, meta s-Sedja tqiegħed mingħajr diskussjoni kull mistoqsija li jkun hemm bżonn biex tintemm il-proċedura kollha meħtieġa dwar it-Tieni Qari u l-Kumitat tal-Abbozz ta' Liġi;

Iżda anke meta jkun għadda l-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol, Ministru jista' jressaq emendi u klawsoli ġodda, li fuqhom titqiegħed il-mistoqsija mingħajr diskussjoni; u Ministru jista' jitlob il-konsiderazzjoni mill-ġdid fil-Kumitat, fejn il-mistoqsija fuq emendi jew klawsoli ġodda titqiegħed mingħajr diskussjoni;

3. Illi wara li jkun irrapportat il-Kumitat jew il-konsiderazzjoni mill-ġdid fil-Kumitat, il-Kamra tgħaddi minnufih għat-Tielet Qari tal-Abbozz ta' Liġi; u

4. Illi jekk jintalbu votazzjonijiet, fi kwalunkwe stadju tal-Abbozz ta' Liġi, il-ħin ta' dawn il-votazzjonijiet ma jiżdiedx mal-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol tas-Seduta; u illi kull votazzjoni li tista' tintalab wara l-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol għandha tittieħed ħames minuti biss wara li tkun intalbet.

24.07.1986